# Kwadru tal-Madonna fil-Mużew tal-Katidral tal-Imdina

minn Mario Fenech



Għażilt dan il-kwadru tal-Madonna qegħda titlob għal dan l-artiklu tiegħi tal-lum. Meta rajt dan il-Kwadru ħassejt li dan huwa wieħed mill-isbaħ xogħlijiet espressivi u ta' ġabra li qatt rajt.

L-Artist li pinġa dan il-kwadru huwa huwa Giovanni Battista Salvi mwieled f'Sassoferrato f'Ruma fis-sena 1609 iben l-Artist Tarquinio salvi.



*Il-kwadru tal-Madonna li jinsab fil-Katidral tal-Imdina*

Kien Artist magħruf sew għal Kwadri li kien pinġa bix-xbieha tal-Madonna u dan il-kwadru tal-Madonna qegħda titlob huwa eżempju ta' dan.

Huwa dokumentat li dan il-kwadru kien ġie akkwistat minn għand l-artist mill-Kanonku Ludovico Famucelli li mbagħad kien għaddieh lil Katidral tal-Imdina fis-sena 1684 fejn kien tpoġġa bħala Sotto Kwadru fuq wieħed mill-Altari.

Dan il-Kanonku Famucelli kien irregala lil Katidral diversi xogħlijiet oħrajn sbieħ ta' dan it-tip li llum jinsabu fil-Mużew tal-istess Katidral.

F'dan ix-xogħol joħorġu l-kapaċitajiet artistiċi li kellu dan l-artist fejn jidħlu d-dettalji u l-armonija fl-applikazzjoni tal-kuluri.

Irid jingħad li bħal dan il-Kwadru l-Artist Salvi għamel oħrajn li jixxiebħu sew u l-istess għamlu Artisti oħrajn matul is-snin. Eżempju ta' dan huwa l-Kwadru Inkurunat tal-Madonna tas-Saħħ li jinsab fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali tar-Rabat tal-Imdina.


TYRE STORE LTD



Dawret Ħal Għaxaq, Għaxaq

Tel: 2182 6148 • Mob: 9982 4489
• Fax: 2180 6821

Contact: Josef Desira

Tyre Agent & Vulcanizer

Various tyre sizes available in stock:
Earthmover, Truck, Passenger etc…

Triangle Tyres

RITCHIE GARAGE

Motor Mechanic

Importer of New & Second Hand Spare Parts

Hydro elastic suspension Service

Battery Sales

Tel: 2169 5021
Fax: 2166 3015
Mob: 9940 8458
email: cleanaway@nextgen.net.mt